# MISTOQSIJA RELIĠJUŻA KONTEMPORANJA
# "JEKK KNISJA WAĦDA HIJA TAJBA DAQS OĦRA, GĦALIEX TIKKONFONDI DWAR LI MA TKUNX DENOMINAZZJONALI?"

L-iskop tagħna huwa li ma nkunux denominazzjonali, jiġifieri, xi denominazzjoni tal-bnedmin. Imma għaliex tikkonfondi? Jekk knisja waħdanija tajba daqs oħra, għaliex tikkonfondi dwar li ma tkunx denominazzjonali?

L-intenzjoni ta' dan l-istudju hija biex ikun ta' tweġiba għal din il-mistoqsija, imma aħna għandna l-ħtieġa biex l-ewwel nibdew billi niddefinixxu u niddefendu l-iskop tagħna.

## SPJEGA TA' KRISTJANEŻMU MHUX DENOMINAZZJONALI

Ikkonsidra, l-ewwel, spjega ta' kristjaneżmu mhux denominazzjonali. Ħalli nibdew billi niddefinixxu t-termini li aħna qegħdin nitkellmu dwarhom.

Xi nfissru aħna bil-kelma "denominazzjoni"? Aħna nfissru eżattament dak li l-biċċa l-kbira tan-nies ifissru meta huma jużaw it-terminu f'kuntest reliġjuż. Tifsiriet li jiena sibt f'dizzjunarju jinkludu: "grupp reliġjuż jew setta"; "knisja b'isem distint jew setta"; "It-terminu 'denominazzjoni' hu applikat għall-organizzazzjoni reliġjuża separata"; "tapplika għall-grupp reliġjuż li jħaddan tagħlim partikulari taħt isem distint"; "għotja ta' isem ġdid lil xi ħadd jew xi ħaġa minn fuq xi isem ieħor ġa magħruf; Il-Griegi huma nsara iżda ta' denominazzjoni ortodossa."

Għalhekk, denominazzjoni hija *setta* jew għaqda reliġjuża. *Din hija setta b'dottrini speċifiċi u isem partikulari*. Kull denominazzjoni jkollha l-prattika u l-qima tagħha nfisha. Il-parti l-kbira tad-denominazzjonijiet għandhom l-organizzazzjoni ċċentrata tagħhom li tikkontrolla d-denominazzjoni.

Din hija setta b'dottrini speċifiċi li *hija parti mis-sħiħ*. Kittieba denominazzjonali jassumu li kull denominazzjoni hija sempliċiment parti mill-Kristjaneżmu kollu, u lid-denominazzjonijiet differenti kollha jagħmlu l-ġisem wieħed qawwi ta' Kristu.

Xi nfissru aħna bit-terminu "mhux denominazzjonali"? L-iskop tagħna huwa li mmorru lura għaż-żmien fl-istorja meta ma kienx hemm denominazzjoni waħda u biex nirrestawraw il-knisja li aħna nsibu f'dak iż-żmien tal-bidu.

Qatt kien hemm żmien bħal dan fl-istorja? It-tweġiba hija Iva, kien hemm! Fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid, ma kienx hemm ħlief ġisem

wieħed (Efesin 4:4); dak il-ġisem kien il-knisja (Efesin 1:22-23; Mattew 16:18; 1 Korintin 12:20). Għalhekk, ma kienx hemm denominazzjonijiet; kien hemm biss knisja waħda, il-ġisem ta' Kristu.Dik il-knisja waħda għamlet il-Kristjaneżmu kollu mhux parti minnu. L-aktar sitwazzjoi qrib ta' denominazzjonaliżmu fit-Testment il-Ġdid tinsab fl-Ewwel Korintin 1:11-13,

> "*Ħuti, in-nies ta' Kloe qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irrid ngħid jnien, li kull wieħed minkom qiegħed igħid, "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu." Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammditu?*"

Ukoll hawn ma kien hemm ebda denominazzjoni kif aħna nafuha llum; kien hemm biss iż-żerriegħa tad-denominazzjonaliżmu. U wkoll dawk iż-żerriegħat kienu kkundannati! (Galatin 5:19-21). Fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid, ma kienx hemm ħlief knisja waħda, u kull moviment li qasam dik il-knisja fi gruppi jew setet kien ikkundannat.

Għalhekk, *il-knisja tat-Testment il-Ġdid ma kinetx denominazzjoni*. L-iskop tagħna huwa biex inkunu dik il-knisja! F'li nkunu dik il-knisja, aħna neċċessarjament ma nkunux denominazzjonali. Billi l-knisja tat-Testment iil-Ġdid ma kinetx denominazzjoni, meta aħna nitkellmu dwar denominazzjonijiet, aħna nkunu qegħdin nitkellmu dwar is-sitwazzjoni li qamet fi żminijiet wara li l-appostli għexu u dwar il-knejjes li ġew fl-eżistenza wara l-ewwel seklu.

## DIFIŻA TA' KRISTJANEŻMU MHUX DENOMINAZZJONALI

Ikkonsidra, it-tieni, difiża ta' Kristjaneżmu mhux denominazzjonali. Għaliex aħna jkollna l-bżonn biex niddefendu dak li mhux denominazz-jonali?

L-ewwel, xi nies joġġezzjonaw li biex ma tkunx denominazzjonali kif kienet il-knisja tat-Testment il-Ġdid huma *impossibbli* għaliex Alla ma ħalliex mudell biex jiggwidana f'li nirrestawraw il-knisja mid-denomi-nazzjonaliżmu.

Xi wħud igħidu li ma hemmx mudell, perjodu. Huma ma jemmnux li Alla jrid li aħna nużaw il-Bibbja bħala l-gwida li ma tittbidilx fir-reliġjon jew li l-knisja tat-Testment il-Ġdid hija mudell għall-knisja llum.

Qegħdin igħidu sewwa dawn? Wara li qal lil l-appostli li huma kellhom igħallmu oħrajn dak li Hu kien għallimhom, Ġesù qal,

> "*U, ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*" (Mattew 28:20).

Jinstama' dan bħallikieku Ġesù issoppona li l-mudell li Hu ta lil l-appostli Tiegħu inbidel? Aħna naqraw f'Ġuda 3 dwar:

"*Il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin.*"

Jinstama' dan bħallikieku l-mudell tat-Testment il-Ġdid kien intenzjonat biss għal dawkli għexu fl-ewwel seklu? L-appostlu Pawlu qal lil wkoll jekk anġlu mis-sema jippriedka Evanġelju ieħor jew differenti minn dak li hu ppriedka, l-anġlu jkun misħut, ikkundannat (Alatin 1:8). Stabbilixxa t-tagħlim tiegħu mudell li kien biss temporanju?

Jekk it-Testment il-Ġdid kien intenzjonat biex ikun gwida għal kulħadd "sat-tmiem taż-żmien," allura aħna għandna nemmnu li l-knisja tat-Testment il-Ġdid kienet intenzjonata biex tpoġġi mudell għall-knisja "sat-tmiem taż-żmien." L-appostli kienu iggwidati fil-verità kollha (Ġwanni 16:13), u huma ppriedkaw l-Evanġelju bir-riżultat li l-knisja ta' Kristu kienet imwaqqfa. Dik il-knisja għallmet u pprattikat ċerti duttrini mogħtija lilhom mill-appostli ispirati. Aħna naqraw dwar dik il-knisja fit-Testment il-Ġdid; aħna nitgħallmu fit-Testment il-Ġdid dwar it-tagħlim, il-qima, u l-organizzazzjoni tagħha. Jekk Kristu, bit-twaqqif tal-knisja Tiegħu b'dan il-mod, u bir-rivelazzjoni ta' dawn il-fatti dwar il-knisja Tiegħu, ma intenzjonax biex iwaqqaf mudell għaż-żminijiet kollha li kellhom jiġu wara, allura għaliex Hu għamilha?

Aħna nemmnu dan: Il-knisja kif Kristu waqqafha kienet il-knisja kif riedha Hu. Sakemm dik il-knisja żammet għall-mudell irrivelat permezz ta' l-appostli, dik il-knisja kienet togħġob lil Alla. *Aħna nistgħu nkunu ċerti* li qegħdin nimxu wara mudell li jogħġob lil Alla jekk aħna nimxu fuq dak il-mudell.

Xi wħud joġġezzjonaw li fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid ma *kienx hemm mudell wieħed waħdu* għall-knisja. Niftakar li darba kont qiegħed nitkellem ma' raġel reliġjuż u bdejt nipprova biex nispjegalu dwar li ner-ġgħu mmoru lura għall-knisja tat-Testment il-Ġdid. Huwa wieġeb, "Mela int trid tirrestawra l-knisja tat-Testment Ġdid? Imma *liema* waħda? Dik ta' Ġerusalem, Antjokja, Efesu, jew ta' Korintu?" Hu emmen li l-kon-gregazzjonijiet fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid kienu tant ma jaqblux li ma hemmx mudell uniku biex tużah fir-restawrar tal-knisja llum. Kien hu żbaljat jew le?

Xu nuqqasijiet eżistew fil-kongregazzjonijiet tal-knisja ta' Kristu fl-ewwel seklu. Imma d-differenzi kollha tagħhom jistgħu jkunu ttraċċjati għal żewġ għejjun. Xi wħud kienu differenzi f'materji ta' konvenjenza, u xi wħud mid-differenzi tagħhom irriżultaw mhux mit-tagħlim appostoliku, imma min-nuqqas tagħhom biex joqgħodu għat-tagħlim appostoliku. Il-knisja kif imwaqqfa minn Kristu kienet perfetta, imma din kienet ma-

għmula min-nies mhux perfetti. Aħna rridu nirrestawraw il-perfezzjoni tagħha, mhux l-iżbalji tal-membri mhux pefetti tagħha.

Aktar minn hekk, ix-xhieda turi li *f'dawk il-partijiet li kienu parti essenzjali tal-fidi waħda*, il-kongregazzjonijiet tal-knisja ta' Kristu kienu l-istess minn lokalità waħda għal lokalità oħra. Presbiteri (isqfijiet, anzjani) kienu appuntati f'kull knisja jew kongregazzjoni (Atti 14:17); huma kantaw fl-adurazzjoni (fesin 5:19; Kolossin 3:17); huma ħadu sehem mill-Ikla tal-Mulej (Atti 2:42; 20:7; 1 Korintin 11:23-26); huma kienu meħtieġa biex jagħtu minn dak li l-Mulej ipprodilhom (1 Korintin 16:1-2); huma pprattikaw il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet permezz ta' l-immersjoni (Atti 2:38; 8:39; Rumani 6:3-4; Kolossin 2:12); ittri ispirati intenzjonati għall-kongregazzjoni waħda kienu moqrija min kulħadd (Kolossin 4:16). Fil-fatt, l-appostlu Pawlu kiteb,

> "*Għalhekk bgħattilkom lil Trimotju, ibni l-għażiż u fidil fil-Mulej; huwa jfakkarkom fl-imġiba tiegħi fi Kristu Ġesù kif ngħallem f'kull knisja kullimkien*" (1 Korintin 4:17).

Kif mela, jista' xi ħadd igħid li l-kongregazzjonijiet tal-knisja ta' Kristu tat-Testment il-Ġdid kienu tant differenti li aħna ma nistgħux insibu fihom mudell uniku għall-knisja llum?

It-tieni, oħrajn igħidu li mhuwiex neċessarju li tipprova tirrestawra Kristjaneżmu mhux denominazzjonali għaliex id-denominazzjonijiet koll-ha huma friegħi tal-knisja waħda.

Qegħdin dawn igħidu sewwa? Huma d-denominazzjonijiet kollha frie-għi tal-knisja, parti mis-sħiħ? Dawn jistgħu jkunu ffriegħi tad-denomi-nazzjonaliżmu jew partijiet tal-Protestantiżmu, imma aħna niddubitaw li huma parti ta' dik il-knisja li dwarha naqraw fit-Testment il-Ġdid. Fit-Testment il-Ġdid, darba waħda biss naqraw dwar "friegħi": Kristu jgħid hekk,

> "*Jiena d-dielja, intom il-friegħi*" (Ġwanni 15:5).

Iżda Kristu ma waqafx hawn, Hu kompla jgħid,

> "*Jekk wieħed ma jibqax fija jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; imbagħad friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu*" (Ġwanni 15:6).

Kull persuna fi Kristu hija fergħa!

Qatt int rajt dielja li minn fergħa waħda din ikollha larinġ, minn oħra tuffieħ, u minn oħra lanġas, waqt li minn oħra banana, eċċ.? Ċertament li int taqbel li dan ma jistax ikun! Dielja waħda tipproduċi fuq kull fergħa minn tagħha *l-istess* frott. Imma d-denominazzjonijiet mhumiex jippro-duċu l-istess frott! Ir-riżultati tagħhom ivarjaw daqs kemm ivarjaw minn

xulxin il-laring, tuffieh, langas u banana! Dawn, mela, mhumiex kollha frieghi tal-knisja wahda tat-Testment il-Ġdid, kull wahda hija, fil-fatt, dielja fiha nfisha.

It-tielet, ohrajn joġġezzjonaw illi mhuwiex prattikabbli biex tipprova tipproduċi llum Kristjaneżmu mhux denominazzjonali.

Xi whud jistqarru li wkoll wara li ahna r-restawrajna l-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid ahna sempliċiment inkunu ffurmajna denominazzjoni ohra.

Huma jiehdu l-ewwel tifsira li tajna ta' "denominazzjoni," li hija "isem," u jikkonkludu li jekk knisja ghandha isem, allura din hija denominazzjoni. Ahna denominazzjoni ghaliex ahna nġibu isem, jiġifieri, knisja ta' Kristu?

Wiehed ghandu jinnota li ahna ma nistqarrux li ghandna isem ghat-tnehhija ta' l-ismijiet l-ohra kollha. "Il-knisja," "il-ġisem," "il-knisja ta' Kristu," jew "knejjes ta' Kristu," mhumiex ismijiet daqs kemm huma turija ta' relazzjoni: din hija l-knisja li tappartieni lil Kristu. Dawk kolha huma espressjonijiet li jinsabu fit-Testment il-Ġdid. Kristu qal li Hu kien se jibni *l-knisja Tieghu* (Mattew 16:18). Jekk jiena nistqai, "ta' min hija l-knisja?" ma jista' jkun hemm ebda tweġiba ohra hlief, *il-knisja ta' Kristu*!

Isem mhuwiex kollox biex taghmel denominazzjoni. Denominazzjonijiet huma msemmija minhabba d-differenzi taghhom minn gruppi ohra. Li kieku l-unika differenza bejn il-knejjes kienet l-ismijiet taghhom, ma kien ikun hemm l-ebda denominazzjoni. Kollha kienu jkunu wahda! Knisja mhix denominazzjoni sempliċiment ghaliex hija ghandha isem.

Xi whud ighidu li knisja hija denominazzjoni ghaliex ghandha eżistenza separata, twemmin komuni u prattika, u kredu, kemm jekk miktuba jew mhux miktuba. Jekk nużaw dik id-definizzjoni, il-knisja tat-Testment il-Ġdid tkun demnominazzjoni! U hadd ma jemmen li hija kienet denominazzjoni. Knisja ma tkunx denominazzjoni ghaliex hija tkun separata minn gruppi ohra u ghandna d-dottrina u l-prattika taghha stess.

Issa halli nikkonsidraw *linja wahda sempliċi ta' difiża*.

Huwa possibbli li ma tkunx denominzzjonali llum? Ahseb dwar din il-prepożizzjoni; *Jekk ahna naghmlu dak li huma ghamlu biex isiru Krist-jani u biex ikunu Kristjani, ahna nkunu dak li huma kienu*. Mhuwiex dan ċar? Fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid, in-nies ghamlu ċerti hwejjeġ biex isiru Kristjani, u mbaghad bhala Kristjani huma ghexu u taw qima u ffurmaw kongregazzjonijiet f'ċerti modi. Jekk ahna naghmlu dak li huma ghamlu f'dawn il-każi ahna nkunu dak li huma kienu—sempliċiment Kristjani tat-Testment il-Ġdid, membri ta' knisja mhix denominazzjonli.

L-inkwiet huwa li l-Kristjaneżmu huwa tant ippestat b'diviżjonijiet, li ahna ma nistghux nahsbu dwar il-Kristjaneżmu hlief f'termini denomi-

nazzjonali. Ipprova biex tpinġi r-reliġjon ta' Kristu barra mid-denominazzjonaliżmu:

Immaġina li tliet denominazzjonijiet jiddeċiedu li jkollhom laqgħa ta' "għaqda." Huma jikru sala u jġibu predikatur. Sabiex ma jopponi lil ħadd, huma jiddeċiedu biex ikollhom laqgħa dwar l-Evanġelju li fiha l-predikatur jippriedka dak li l-appostlu Pietru ppriedka fil-Jum ta' Pentekoste f'Atti kapitlu tnejn, u wara huma jħallu lil dawk li jikkonvertu jagħżlu liema knisja huma jissieħbu magħha. Il-laqgħa dwar l-Evanġelju tinżamm. Il-predikatur jippriedka lil Kristu. Nies jemmnu fi Kristu u jkunu konvinti mid-dnub. Il-predikatur, bħal Pietru, igħidilhom,

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Imbagħad, kif dawk in-nies għamlu fil-Jum, ta' Pentekoste,

> "*Dawk li laqgħu kliemu tgħammdu*" (Atti 2:41).

Il-laqgħa tispiċċa b'mitejn ruħ jitgħammdu. Wara dan, il-mitejn persuna jkunu mogħtija l-opportunità biex jissieħbu waħda mit-tliet knejjes. Ħamsin minn dawk li kkonvertew jissieħbu ma' denominazzjoni A, ħamsin oħra ma' denominzaajoni B, u ħamsin oħra ma' denominazzjoni Ċ. Imma l-ħamsin l-oħra jgħidu, "Għaliex aħna għandna nissieħbu f'xi denominazzjoni? Aħna bdejna bħal dawk in-nies fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid, u aħna sejrin *inkomplu* kif huma għamlu. Aħna ma nistgħux *nissieħbu* f'xi denominazzjoni għaliex huwa "l-Mulej li kuljum *iżid* lill-knisja dawk li jkunu salvi" (Atti 2:47) u mhux aħna nissieħbu! Għalhekk, dawk l-aħħar ħamsin ruħ jorganizzaw lilhom infushom f'kongregazzjoni sewwasew bħall-knisja tat-Testment il-Ġdid.

Hawn għandna żewġ mistoqsijiet. L-ewwel, dwar dawk l-aħħar ħamsin ruħ, ta' liema knisja huma saru membri? Jekk huma bdew il-ħajja Kristjana tagħhom fuq il-mudell tat-Testment il-Ġdid, u mbagħad komplew biex jimxu fuq dak il-mudell, xi jkunu huma? Ma jkunux huma biss il-knisja tat-Testment il-Ġdid? It-tieni, dwar il-mitejn kollha li kkonvertew, nassumu li huma tassew obdew l-Evanġelju, ta' liema denominazzjoni huma kienu membri *qabel* ma huma ddeċidew biex jissieħbu ma' xi waħda mit-tlieta? Jekk huma ma kinux membri ta' xi denominazzjoni, mela għaliex kien meħtieġ għalihom biex jissieħbu ma' xi denominazzjoni? Ma setgħux huma jkunu salvi u jkunu membri tal-knisja ta' Kristu min-għajr ma jsiru membri ta' xi denominazzjoni?

Aħna ninsistu li jekk nies illum jagħmlu dak li nies fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid għamlu biex isiru Kristjani u biex igħixu bħala Kristjani, huma jkunu eżattament dak li kienu dawk in-nies fiż-żminijiet tat-

Testment il-Ġdid, Kristjani biss u membri tal-knisja mhux denominazzjonali li l-Mulej qal li kien se jibni u li naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid.

Billi spjegajna u ddefendejna l-iskop tagħna, issa aħna lesti biex inwieġbu l-mistoqsija: *Jekk knisja waħda hija tajba daqs oħra, għaliex tikkonfondi dwar li ma tkunx denominazzjonali?*

## APPELL GĦALL-KRISTJANEŻMU MHUX DENOMINAZZJONALI

Ikkunsidra, fl-aħħarnett, appell għall-Kristjaneżmu mhux denominazzjonali. Hemm xi raġunijiet tajba biex ma tkunx denominazzjonali? Aħna se mmorru għat-titlu tal-lezzjoni għat-tweġiba: Ħalli jiena nappella lilek biex ma tkunx denominazzjonali għaliex knisja waħda *mhix* tajba daqs oħra.

Tifhimnix ħażin. Jien mhux qiegħed ngħid li denominazzjoni waħda mhix tajba daqs denominazzjoni oħra. Jiena qiegħed nistaqsi jekk xi denominazzjoni hija tajba daqs il-knisja ta' Kristu li dwarha naqraw fit-Testment il-Gdid. Jekk hemm waħda li hija tajba daqs il-knisja ta' Kristu, allura aħna għandna nieqfu hawn u ngħidu li ma teżisti l-ebda raġuni biex ma nkunux denominazzjonali.

Hekk kif aħna nistaqsu dwar jekk xi denominazzjoni hija tajba daqs il-knisja tat-Testment il-Ġdid, aħseb dwar dawn il-mistoqsijiet:

*Huwa ġisem wieħed tajjeb daqs ieħor?* Il-ġisem tiegħek ifisser aktar għalik minn kull ġisem ieħor. Hekk ukoll, il-knisja hi l-ġisem ta' Kristu (Efesin 1:21, 23; Kolossin 1:18). Huwa xi ġisem ieħor (denominazzjoni li Ġesù ma bediex) prezzjuż għal Kristu daqs il-ġisem Tiegħu?

*Hija għarusa waħda tajba daqs oħra?* Japprezza bniedem għarajjes oħra daqs kemm huwa japprezza l-għarusa tiegħu? Jekk iva, il-konsegwenzi jkunu koroh ħafna! Il-knisja hija murija bħala l-għarusa ta' Kristu (Efesin 5:23-25; Rumani 7:4). Japprezza Kristu xi knisja (denominazzjoni) oħra daqs kemm Hu japprezza lil l-għarusa Tiegħu stess?

*Hija familja waħda tajba daqs familja oħra?* Fil-qlub tagħna jeżisti post speċjali għall-familja tagħna; aħna m'aħniex sejrin nibdluha ma' xi familja oħra. Ħadd ma japprezza familja barranija aktar milli hu japprezza l-familja tiegħu stess! Il-knisja hija l-familja ta' Alla (1 Timotju 3:15). Sejjer Alla japprezza xi familja oħra daqs kemm Hu japprezza l-familja tiegħu stess?

*Tinsab is-salvazzjoni f'xi denominazzjoni?* Is-salvazzjoni tinsab fil-knisja ta' Kristu biss. Kristu ħabb, miet għal, u salva l-knisja Tiegħu (Efesin 5:23-25). Dawk salvi kienu miżjuda fil-knisja mill-Mulej (Atti 2:47). Jista' dan jintqal dwar xi denominazzjoni?

## KONKLUŻJONI

X'għandna nikkonkludu? Denominazzjoni waħda tista' tkun tajba daqs oħra, imma l-ebda denominazzjoni ma hija tajba daqs il-knisja ta' Kristu li naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid. Għalhekk aħna nappellawlek biex taċċetta t-talba tagħna biex ma tkunx denominazzjonali għaliex aħna nemmnu li din hija l-unika triq biex tkun żgur li inti parti mill-ġisem ta' Kristu, l-għarusa Tiegħu, u l-familja ta' Alla—Hu l-unika triq biex tkun żgur li inti parti minn dawk in-nies li Kristu jsalva.

Ma hemmx xi problema biex inti tbiddel minn xi denominazzjoni għall-knisja ta' Kristu. Dak li inti għandek tagħmel huwa li tistaqsi lilek innifsek: X'iridni nagħmel il-Mulej? Mill-ħafna knejjes, liema waħda hija l-knisja Tiegħu? Tattendix sempliċiment il-knisja ta' l-għażla tiegħek jew dik li xi ħadd ieħor għażel għalik. Agħżel il-knisja li hi l-għażla tal-Mulej!

It-talba unika tagħna hija għall-knisja ta' Kristu, dik il-knisja li dwarha naqraw fit-Testment il-Ġdid.

### IPPREŻENTAT MINN:

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fl-indirizz ta' fuq.**